MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 325/2002/1

**Kawza Nru: 7**

**Citaz Nru: 325/02 JA**

**Logix Communications Ltd.**

**-vs-**

**Ideal Dwellings (Turnkey) Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-22 ta’ Marzu, 2002, li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet;

Illi s-socjeta’ attrici tinsab kreditrici tas-socjeta’ konvenuta fis-somma ta’ hamest elef tminn mija disgha u hamsin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm5859.83), rapprezentanti prezz ta’ xoholijiet ta’ reklamar maghmula mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta stess;

Illi ghalkemm debitament interpellata, anki ufficjalment permezz tal-ittra ufficjali datata (sic) ta’ Jannar, 2002, sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjest mill-liga a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut;

Illi s-socjeta’ konvenuta m’ ghandha ebda eccezzjoni xi tressaq;

Tghid ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex, dispensat is-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 167 et. Seq. tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta’ malta, u in vista ta’ l-affidavit guramentat hawn anness u mmarkata bhala Dok A;

1. Tiddeciedi l-kowza skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tiddikjara illi s-socjeta’ konvenuta hija debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont kumplessiv ta’ hamest elef tminn mija disgha u hamsin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm5859.83), rapprezentanti prezz ta’ xoholijiet ta’ reklamar maghmula mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta stess, flimkien ma’ l-imghax relattiv;

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont kumpelessiv ta’ hamest elef tminn mija disgha u hamsin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm5859.83), rapprezentanti prezz ta’ xoholijiet

ta’ reklamar maghmula mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta stess, flimkien ma’ l-imghax relattiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 14 ta’ Frar, 2002 u bl-interess legali kontra s-socjeta’ konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni mhalufa minn Pierre Mizzi f’ isem is-socjeta’ attrici fit-22 ta’ Marzu, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------